MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1053/2009

**Francis u martu Rita konjuġi Spiteri**

**-vs-**

**Frank Cachia**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ppreżentata fil-30 t' Ottubru, 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-atturi llum huma l-proprjetarji tal-fond ossia 'Villa Pantiles', 2, Saint Thomas Bay, Marsascala liema fond huma akkwistawh mill-konvenut u dana skond att pubbliku ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Mario Bugeja datat 4 ta' Diċembru 2006;

2. Illi l-konvenut baqa’ joqgħod fl-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi iżda ġie permess li jibqa’ joqgħod hemm mill-atturi;

3. Illi l-konvenut dan l-aħħar ġie mitlub diversi drabi mill-attur Francis Spiteri halli hu jivvaka mill-imsemmi fond iżda dan baqa’ indempjenti u qed jirrifjuta illi jagħmel dan u sad-data tal-preżentata tal-preżenti rikors maħluf promotorju l-konvenut għadu qed jokkupa l-imsemmi fond;

4. Illi għalhekk illum-il ġurnata u fid-data tal-preżentata tal-preżenti kawża l-konvenut qed jokkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u għalhekk din il-Qorti għandha tordna l-iżgumbrament tal-konvenut mill-imsemmi fond u wkoll l-intimat-konvenut fil-kawża odjerna m’għandu l-ebda linji difensjonali x’jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet tal-atturi u b’hekk jeżistu ċ-ċirkostanzi kollha kkontemplati fl-Art. 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ħalli din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ in kwantu dan jirrigwardja t-talbiet attriċi;

Għaldaqstant l-atturi, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u

2. Tordna l-iżgombrament tal-konvenut mill-fond ‘Villa Pantiles’, 2, Saint Thomas Bay, Marsascala u tiffissa terminu qasir u perentorju għal dan il-għan.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-avukati;

Rat il-verbal tal-lum stess li permezz tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talba lill-konvenut sabiex jikkontesta l-kawża *stante* li ma kellux eċċezzjonijiet validi xi jressaq.

Billi għalhekk it-talba attriċi tirriżulta waħda fondata;

**Din il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi; għall-fini tat-tieni talba tordna lill-konvenut jiżgombra mill-fond in kwistjoni fi żmien tliet xhur.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------